# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-30 ta' Lulju 2019**

Appell numru 90 tal-2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roy Joseph CREMONA**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet kontra Roy Joseph CREMONA, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 126487M fejn ġie mixli talli : -

1. fit-30 ta' Jannar 2008, wara tfittxija li saret minn ufficjal tal-Pulizija fil-vettura Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CIG 004 tal-istess Roy Joseph Cremona gewwa l-Belt Valletta, fil-vicinanzi tat-telgha tal-Kurcifiss, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht:

Sigaretti misjuba fil-vettura numru CIG 004: erba kaxxa b'5O kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna, tal-rnarka Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom b'valur ta' €913.20, u dazju ta' importazzjoni

ta' €526.00, dazju tas-sisa ta' €4,380.80 u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT.) ta' €1,047.60 fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhalisa u/jew kawtelati.

**Fuq taiba tal-Kummisarju tal-Value Added Tax**

2. talli fit-30 ta' Jannar 2008, wara tfittxija li saret minn ufficjal tal-Pulizija fil-vettura Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CIG 004 tal-istess Roy Joseph Cremona gewwa I-Belt Valletta, fil-vicinanzi tat-telgha tal-Kurcifiss, instab Ii xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht:

Sigaretti misjuba fil-vettura numru CIG 004: erba kaxxa b'5O kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna, tal-rnarka Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom b'valur ta' €913.20, u dazju ta' importazzjoni ta'€526.00, dazju tas-sisa ta' €4,380.80 u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT.) ta' €1,047.60 fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti koliha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes Ii jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 1 ta' Frar 2017 fejn dik il-Qorti ikkunsidrat u ddeċidiet bil-mod segwenti : -

II-kawza titratta reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37), l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap 382) u l-Att fuq iI-Valur Mizjud (Kap 406). L-imputat jinsab mixli li fit-30 ta' Jannar 2016 kien fil-pussess ta' sigaretti li fuqhom ma kiex thallas dazju u VAT.

Il-provi f'dan il-kuntest, anka skond ma stqarr l-imputat, imkien kontradett, huma Ii kien qieghed f'hanut Haz-Zebbug u Itaqgha ma' persuna Ii offrietlu sigaretti wara Ii kien semmielu Ii xtaq jixtri sigaretti 'tajbin'. Ghaddew jumejn u I-imputat iddecida Ii jixtrihom billi kellu vizzju akut ta' tipjiep u haseb Ii jiffranka lira. It-terz bejjieh kien qallu Ii biex ibeghlu kellu jixtri mhux inqas minn hames grosses. II-prezz kien elfejn lira maltin ekwivalenti ghal 2c5 kuli sigarett. Marru I-hanut ta' dan u ghabbihom gol-karozza tieghu Volkswagon KAE 203. Stqarr illi I-hanut kien vicin I-ufficini tad-dwana il-Belt. Kompla jistqarr Ii kien involva lili-

konoxxent tieghu (Ii ghandu I-istess akkuzi tieghu pendenti quddiem din il-Qorti) Ii ghenu jgorrhom. Fil-waqt Ii kienu qed jitpoggew fil-karozza tal-konoxxent tieghu fil-vicinanzi tat-Telgha tal-Krucifiss, fit-trejqa sottoposta, ghaddiet karozza tal-Pulizija. Mili-ufficjali Ii investigaw il-kaz xehed Ps1086 Johann Micalief Ii spiega Ii I-imputat bil-karozza tieghu Volkswagon Golf u persuna ohra (riferuta aktar 'ii fuq bhala I-konoxxent tal-imputat) kienu f'trejqa jew mina taht it-telgha tal-krucifiss jghabbu kaxxex minn vettura ghal ohra, liema kaxxex insertaw s-sigaretti meritu ta' dawn il-proceduri. Ix-xhud stqarr Ii meta intervenew huma fil-Volkswagon tal-imputat kien hemm kaxxa wahda u fit-Peugeot erba. Igifieri, wkoli jekk ikollha tigi skarata I-istqarrija rilaxxjata mili-imputat minhabba gurisprudenza recenti, xorta wahda I-fatti jinsabu pruvati anka mix-xhieda tas-Surgent biss. Issa, I-imputat, apparti I-istqarrija minnu rilaxxjata, xehed f'dawn il-proceduri u ghal dak Ii ghandu x'jaqsam max-scienter, stqar Ii huwa ried sigaretti 'tajbin' Ii fissirhom bhala sigaretti norma Ii Ii tixtri minn hanut izda b'prezz orhos. Frankament, hawnhekk, il-Qorti b'sigaretti tajbin ma tistax taccetta Ii I-imputat b'daqshekk ma keliux I-intenzjoni u lanqas ried jixtri sigaretti tal-kontrabandu. Huwa car mill-fatti Ii I-imputat anke jekk ma kienx jaf bil-provenjenza iliecita tas-sigaretti seta' facilment induna b'din il-provenjenza illecita taghhom.

Mill-bqija lanqas ma I-Qorti qeghdha taqbel li I-valur taghhom, igifieri tas-sigaretti, ma giex ippruvat.

Taqta u tiddecidi ghalhekk billi issib I-imputat hati tal-akkuzi koliha riportati kontra tieghu.

Ikkonsiderat I-piena fil-perjodu relattiv ir-reat u I-beneficju moghti lill-imputat Ii jgawdi millaktar piena favorevoli ghalih.

Rat l-Artikolu 60(a)(b)(c)(k), 62(a) (b) (c) (t) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) proviso Artikolu 62, Artikolu 62, 68, 69(1)(2), 69 tal-Kap 37, l-Artikolu 16(1)(j), 17 u Regoament 7 tas-Sitt Skeda Kap 382, Artikolu 80 tal-Kap 406, Artikolu 17 tal-Kap 9.

Tikkundannah multa komplessiva ta' €600 u sitt xhur priguneria Ii b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ghandhom jibqaw sospizi ghali-perjodu ta' sena mill-lum ai termini tal-istess artikolu. Terz tal-multa titqies bhala dejn civili tithalias lid-dipartiment tad-dwana.

Tordna l-konfiska tal-vettura u tal-oggetti elevati.

ll-Qorti spjegat lili-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell interpost mill-Avukat Ġenerali nhar is-27 ta' Frar 2017 fejn, in linea preliminari, huwa eċċepixxa n-nullita tas-sentenza hawn fuq imsemmija in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha sabet ħtija fl-appellat iżda għamlet dan wara li fis-sentenza tagħha għamlet riferenza għal fatti li kienu pertinenti għall-każ ta' persuna oħra li kienet involuta f'dan ir-reat, ċjoe Anton (Anton John) Mallia, li wkoll kien ġie sentenzjat minn dik il-Qorti. Fl-ebda mument ma' l-Qorti semmiet fatti b'riferenza għall-allegat involviment tal-appellat iżda waslet għas-sejbien ta' ħtija fih fuq fatti li kienu jorbtu lil Mallia u mhux lill-appellant.

Rat illi matul is-seduta appuntata tal-25 ta' Lulju 2019, l-Abbli Avukat Difensur tal-appellat, Dr. Stephen Tonna Lowell, stqarr li f'dan il-każ, l-appellat kien qiegħed jaqbel mal-aggravju tal-Avukat Ġenerali, in kwantu l-fatti msemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li fuqhom dik il-Qorti sabet ħtija fl-imputat kienu jirreferu għal terza persuna u mhux għall-imputat appellat f'dan il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-partijiet f'dan l-appell qablu li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet difettuża in kwantu l-fatti msemmija fis-sentenza appellata ma kienux il-fatti li jirriflettu l-allegat involviment tal-imputat appellat, iżda kienu esposizzjoni tal-fatti tal-involviment ta' persuna oħra li ħadet ukoll sehem fil-kommissjoni tar-reat de quo. Il-partijiet konsegwentement qablu li wieħed mill-elementi meħtieġa *ad validitatem* skont l-artikolu 382

tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe li l-Qorti **<u>għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati</u>**, kienet nieqsa f'dan il-każ.

*Ikkunsidrat : -*

Illi skont l-artikolu 88 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali għandu jkollu dejjem jedd għal appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti kriminali li jinqalgħu mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana, minkejja dak li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali.

L-artikolu 83 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi wkoll li minkejja dak li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dritt t'appell quddiem din il-Qorti minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti kriminali taħt it-Taqsima X ta' dak l-Att, u l-artikolu 80 jaqa' taħt dik it-Taqsima.

L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li l-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

***Ikkunsidrat : -***

Kif ġie diversi drabi deċiż minn dawn il-Qrati, il-fatt li jirreferi għalihom l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huma l-fatti tar-reat, u mhux il-fatti li jiġġustifikaw il-kundanna, ossija l-motivazzjonijiet. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, il-fatti huma dawk li jkunu elenkati fil-bidu nett.

Biss, f'dan il-każ, għal xi raġuni, għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha inkludiet ir-riferenza għall-imputazzjonijiet skont kif miktuba fuq il-komparixxi, l-istess Qorti imbagħad għaddiet biex semmiet il-fatti kif seħħew mhux b'riferenza għall-involviment tal-imputat appellat fl-isfond tal-fatti imsemmija fil-komparixxi. Il-fatti esposti fis-sentenza de quo ma kienux jorbtu lill-imputat mal-imputazzjonijiet iżda kien jorbtu lil terz. L-appellat għalhekk ġie misjub ħati fuq fatti li ma kienux jirriflettu l-involviment tiegħu fil-każ.

Din il-Qorti m'għandhiex is-serenita li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet l-analiżi tal-fatti tal-każ, u li wasluha biex issib ħtija fl-appellat, biss u esklussivament b'riferenza għall-involviment tal-appellat fil-kommissjoni tar-reat – aktar milli għal fatti kommessi minn terza persuna. Dan l-iżball tal-Qorti tal-Maġistrati jista' jkun frott ta' *lapsus calami* jew *computatri*. Din il-Qorti ma tistax tqis li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet *safely and satisfactorily* tirreferi għall-involviment tal-appellat de quo aktar milli għall-involviment tat-terz fil-fatti imsemmija.

# *Konklużjoni*

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u stante li l-kwistjoni f'dan il-każ iddur dwar l-apprezzament ta' provi li din il-Qorti mhix serenament konvinta li kien sar b'riferenza għall-appellat, u sabiex ma tipprivax lill-appellat mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jerġa jibgħat lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tagħrbel il-provi b'riferenza għall-każ tal-appellat u tiddeċiedi fil-meritu skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***